MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 164/2018 LM

**Zia UL NOOR**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellant", **Zia Ul Noor (K.I. Numru 28968A)** mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-

Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-Bord"), fit-30 ta' Ottubru, 2018 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi,

> *"Therefore, after having seen the provisions of the Immigration Act and of S.L. 217.17 as well as after having examined the relative submissions and after having taken cognizance of the circumstances, the Board rejects the appeal of Zia UL NOOR and consequently, the appeals of Mohammed Qamar NOOR and of Khatija NOOR.*
>
> *The Board orders that in all cases, the minor children not be separated from their father in order to maintain familial integrity."*

**Fatti**

2. Fit-28 ta' Jannar, 2018 ir-rikorrent kien applika fl-uffiċini tal-Identity Malta għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu f'Malta. Dak iż-żmien mart l-applikant kellha permess ta' residenza validu sa Frar tal-2019. Fit-23 ta' Awwissu, 2018 ir-rikorrent ġie infurmat minn Identity Malta li t-tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu kien ġie rifjutat "*on grounds of public security*". Kien għalhekk li r-rikorrent ipproċeda b'appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni. Jirriżulta li r-rikorrent ilu jgħix Malta mill-2003 flimkien ma' martu u ż-żewġ uliedhom minuri, it-tnejn imwielda Malta. Ir-rikorrent jiġġestixxi negozju bl-isem ta' 'Incredible Asia', li jinsab f'139, Triq il-Gżira il-Gżira, filwaqt li l-mara tiegħu għandha negozju ta' bejgħ ta' vetturi minn stabbiliment fil-Ħamrun. Fit-30 ta' Ottubru, 2018 il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ddeċieda li għal raġunijiet ta' ħarsien tas-sigurtà pubblika ma japprovax it-tiġdid tal-permess ta' residenza li applika għalih ir-rikorrent.

## Mertu

3. Il-Bord informa lir-rikorrent li huwa kellu żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ressaq l-appell tiegħu sabiex jippreżenta quddiem il-Bord id-dokumentazzjoni kollha li ried iressaq. Fl-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa ilu jgħix hawn Malta għal ħmistax-il sena, u matul dan iż-żmien huwa qatt ma ntalab jissottometti dokumentazzjoni jew informazzjoni ulterjuri sabiex ikun jista' jingħata permess jibqa' jgħix hawn Malta. Ir-rikorrent saħaq ukoll li huwa baqa' ma ngħatax ir-raġunijiet għalfejn l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata, u lanqas ma ngħata r-raġunijiet għalfejn huwa qiegħed jitqies bħala theddida għas-sigurtà pubblika. Ir-rikorrent spjega wkoll li huwa għandu kondotta nadifa u li qatt ma nstab ħati ta' xi reat f'Malta. Qal ukoll li qabel ir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu, il-permess ta' residenza tiegħu f'Malta kien ġie mġedded darbtejn, u minn dakinhar li l-permess ta' residenza tiegħu ġie mġedded, iċ-ċirkostanzi materjali tiegħu ma kinux inbidlu. Spjega li hawn Malta huwa għandu negozju, għandu żewġt itfal minuri li jattendu l-iskola hawn Malta, u flimkien ma' martu huwa xtara proprjetà hawn Malta. Qal li r-rifjut ta' din l-applikazzjoni tilledi l-jedd fundamentali tiegħu għall-ħarsien tal-ħajja familjari tiegħu.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2018, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, u ddeċieda li konsegwenza ta' dan kien qiegħed jiċħad ukoll

l-appell tal-ulied minuri tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Preliminary*
*The Board:*

*Saw that on 23rd August 2018, the Director issued a decision wherein he stated that the application for a residence permit which was submitted on 25th January 2018 by **Zia Ul Noor** had been rejected on grounds of public security;*

*Saw that on 23rd August 2018, the Director issued a decision wherein he stated that the application for a residence permit which was submitted on 9th February 2018 by the appellant's children, namely **Mohammed Qamar Noor** and **Khatija Noor** had been rejected as the application of their sponsor (Zia Ul Noor) had also been rejected;*

*Saw that the relative appeal was filed on 25th June 2008 (in respect of Zia Ul Noor) and on 30th August 2018 (in respect of Mohammed Qamar Noor and Khatija Noor); and*

*Saw all the submissions filed and evidence produced.*

*<u>Submissions filed and evidence produced</u>*

*The Board read the appeal filed by Zia Ul Noor and notes that the following points were made therein:*

- *The appellant has been legally residing in Malta since 2003 with his wife and their two minor children;*
- *The appellant has a business in Malta (Incredible Asia restaurant situated at 139, Triq il-Gżira, Gżira) and is the owner of the tenement in which he resides;*
- *On 25th January 2018, the appellant applied for the renewal of his long-term resident status but was met with a rejection on grounds of public security. The appellant contended that as far as he knew, he was a law-abiding citizen and could not undersand why the application was rejected;*
- *The appellant had lived in Malta for fifteen years and was never asked to submit any information or documentation in support of his application. In fact, his long-term resident status had been renewed twice without any problems in the past;*
- *The Director's decision is legally unfounded as it failed to provide adequate information relative to the reasons for the rejection.*

*The Board saw that the appeals relative to Mohammed Qamar Noor and Khatija Noor were similar in substance and referred to the principal appeal filed by their father;*

*The Board notes that its references and comments shall hereinafter refer to the principal appeal filed by Zia Ul Noor.*

*The Board saw that on 9th January 2018, the Head of Division (Employability), within Jobsplus stated that the employment licence relative to the Incredible Asia Restaurant had been renewed. This document was copied to the Commissioner for Inland Revenue, to the Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs and the Principal Immigration Officer.*

*The Board also saw the submissions of the Director which consisted of a statement contained in an e-mail wherein Inspector Hubert Gerada informed the Board's secretariat that the content of the specific recommendation related to why the application for renewal should be refused could not be divulged;*

*The Board observes that were one to argue* a contrariu sensu*, it could easily be said that in order for the Immigration Police to object to the renewal of the relative long-term residence permit when its erstwhile holder would have been in Malta for fifteen years, the Police would need to have rather solid grounds.*

*The Board opines that the non-divulgence of grounds of public security is self-explanatory in that it is not due to some intention to mislead or to arbitrarily hold back information, but intent on the Director's part to safeguard the work of the Immigration Police as well as the security of the State.*

*The Board further observes that were it to order the specifics of the matter to be divulged, it could well end up prejudicing the security of the state.*

*The Board cannot fail to note that the appellant failed to substantiate his appeal by at least filing a recent conduct certificate issued by the police, in such cases, such would at least go some way towards showing that appellant may deserve to have his long-term resident status renewed.*

*Decision*

*Therefore, after having seen the provisions of the Immigration Act and of S.L. 217.17, as well as after having examined the relative submissions and after having taken*

*cognizance of the circumstances, the Board rejects the appeal of Zia Ul Noor and consequently, the appeals of Mohammed Qamar Noor and of Khatija Noor.*

*The Board orders that in all cases, the minor children not be separated from their father in order to maintain familial integrity."*

## **L-Appell**

5. L-appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, u intavola appell minnha fit-3 ta' Diċembru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 30 ta' Ottubru, 2018 u fiċ-ċirkostanzi tagħti dawk id-direttivi u provvedimenti li l-Qorti tħoss li jkunu opportuni inkluż l-ordni li jinħareġ il-permess ta' residenza relattiv sabiex l-appellant ikun jista' jaħdem u jirrisjedi hawn Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

6. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex (i) il-Bord ma setax jiġġustifika n-nuqqas ta' motivazzjoni mogħtija minnu billi jagħmel riferiment għall-ittra ta' rifjut tat-23 ta' Awwissu, 2018 fejn l-appellant ġie infurmat minn Identity Malta li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata għal raġunijiet ta' ħarsien tas-sigurtà pubblika, u jżid jgħid li minkejja li ma ġiex żvelat x'kienu dawn ir-raġunijiet ta' ħarsien tas-sigurtà pubblika, l-applikazzjoni tal-appellant ġiet rifjutata xorta waħda u dan sabiex ma tiġix kompromessa s-sigurtà tal-Istat. L-appellant saħaq li f'kull każ il-motivazzjoni ta' kull deċiżjoni hija rekwiżit *sine qua non,* u l-Bord ma setax

jinħeba wara kliem ġeneriku sabiex iċaħħad lill-appellant mill-jeddijiet tiegħu. L-appellant sostna li l-Bord kellu l-obbligu li jivverifika x'inhuma l-*grounds of public security* u mhux jgħid li ma setax jitlob spjega mingħand id-Direttur għaliex dan kien qiegħed jissalvagwardja x-xogħol tal-Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni u s-sigurtà tal-Istat; (ii) Il-Bord kien żbaljat meta ta deċiżjoni dwar it-tliet appelli f'deċiżjoni waħda. L-appellant qal li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu jagħmel riferiment għat-tliet appelli, dak tal-appellant, kif ukoll ta' wliedu minuri Khatija Noor u Mohammed Qamar Noor, mingħajr ma ħa konsiderazzjoni tal-fatt li dawn l-appelli, minkejja li relatati għaliex huma tal-missier u ż-żewġ uliedu, għandhom jiġu kkonsidrati kull wieħed fuq il-merti tiegħu. Minkejja dan, jirriżulta li l-Bord qabad u ddeċieda t-tliet appelli b'mod sommarju, billi ta deċiżjoni waħda. L-appellant żied jgħid li wieħed mill-aggravji fir-rikorsi tal-appell tal-ulied huwa l-fatt li l-*isponsor* tal-ulied minuri hija ommhom, li dak iż-żmien kellha permess ta' residenza validu sa Frar, 2019, iżda dwar dan ma ssemma xejn mill-Bord; (iii) L-appellant żied jgħid li l-Bord ma setax jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet raġjonata meta ċaħad it-talba tiegħu, għaliex jirriżulta li l-Bord naqas milli jieħu konjizzjoni ta' diversi fatturi, fosthom il-fatt li huwa raġel miżżewweġ, li l-mara tiegħu għandha permess ta' residenza validu, li huwa ilu jgħix hawn Malta mill-2003, li matul dan iż-żmien hu u martu kellhom żewġt itfal, li f'Malta għandu n-negozju tiegħu, li f'Malta dejjem ħallas it-taxxa, u li kemm ilu jgħix f'Malta huwa akkwista wkoll il-proprjetà tiegħu. L-appellant qal li bid-deċiżjoni tal-Bord il-ħajja familjari tiegħu sejra tiġi mħarbta, u li dak li ddeċieda l-Bord ser iwassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-ħajja familjari; (iv) ir-raba' aggravju tal-

appellant huwa li l-Bord ma żamm l-ebda seduta sabiex l-appellant ikun jista’ jispjega l-pożizzjoni tiegħu b’mod aħjar, u li għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet mingħajr ma huwa kellu l-opportunità li jagħmel il-każ tiegħu.

**Ir-risposta tal-appell**

7. Fir-risposta tal-appell tiegħu l-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma. L-appellat qal li l-ewwel aggravju tal-appellant m’għandux mis-sewwa u mhux minnu li l-Bord ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu, għaliex fid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord ġie speċifikat li l-applikazzjoni għal estensjoni ta’ residenza tal-appellant ġiet rifjutata għal raġunijiet ta’ sigurtà pubblika. L-appellat qal ukoll li l-Bord għamel riferiment għall-komunikazzjoni li huwa rċieva mingħand l-Ispettur Hubert Gerada, li spjega li l-kontenut tar-rakkomandazzjoni speċifika ma setax jingħata. L-appellat qal li l-Bord kien ġust meta kkonkluda li huwa ma setax b’xi mod jippreġudika x-xogħol tal-Pulizija jew is-sigurtà tal-Istat, billi jiżvela informazzjoni li tista’ tkun sensittiva. L-appellat kompla billi għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tal-Bord fejn intqal li f’każ li l-Bord jordna li tiġi żvelata din l-informazzjoni, hemm il-possibilità li l-Bord ikun kompliċi f’aġir li jippreġudika s-sigurtà tal-Istat. L-appellat qal li kien jinkombi fuq l-appellant il-piż li jipprova li huwa għandu kondotta netta, u li dan messu ppreżenta quddiem il-Bord kopja tal-kondotta jew tal-fedina penali tiegħu biex jikkonvinċi lill-Bord li mhux minnu li l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu tista’ toħloq problemi għas-sigurtà tal-pajjiż.

B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant li d-deċiżjoni appellata hija waħda nulla u bla effett għaliex b'sentenza waħda l-Bord iddeċieda tliet appelli, ma treġix għaliex d-deċiżjoni appellata bl-ebda mod ma ppreġudikat id-dritt tal-appellant u tal-applikanti l-oħra milli jintavolaw appell *ai termini* tal-liġi, kif fil-fatt jirriżulta li għamlu. L-appellat qal li la l-appellant u lanqas uliedu minuri ma ġew imċaħħdin mid-dritt li jagħmlu appell u jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom. Żied jgħid li l-appellant ċertament li ma jistax jilmenta li minħabba d-deċiżjoni appellata huwa tilef xi jedd li jiddefendi l-każ tiegħu sal-aħħar. L-appellat qal ukoll li l-fatt li għall-finijiet ta' speditezza, il-Bord iddeċieda l-lanjanzi ppreżentati quddiemu permezz ta' sentenza waħda minflok tliet sentenzi separati, m'għandux jaqa' taħt il-parametri tassattivi tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u d-deċiżjoni m'għandhiex titqies li hija nulla.

L-appellat żied jgħid li l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jipprovdi li appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt, filwaqt li l-aggravji tal-appellant huma msejsa fuq punti ta' fatt, b'tali mod li qiegħed jistieden lil din il-Qorti terġa' tevalwa l-fatti mill-ġdid. L-appellat qal li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-apprezzament tal-fatti mill-qorti jew tribunal tal-ewwel grad m'għandux normalment jiġi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri, u dan għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu lill-qorti ta' reviżjoni illi l-apprezzament tal-provi mill-ewwel qorti jew tribunal kien tant żbaljat illi altrimenti kienet ser tiġi kkreata inġustizzja. L-appellat qal li mill-qari tar-rikors tal-appell, m'għandux jirriżulta li l-

interpretazzjoni tal-provi li kellu quddiemu l-Bord kienet waħda tant żbaljata li biha ser tinħoloq inġustizzja. L-appellat qal li l-uniċi provi tanġibbli li ġew ippreżentati quddiem il-Bord kienu *statement* tal-JobsPlus li l-liċenzja ta' xogħol rigward ir-ristorant 'Incredible Asia' ġiet estiża, u min-naħa l-oħra l-*email* tal-Ispettur Hubert Gerada fejn informa lis-Segretarja tal-Bord li l-applikazzjoni ta' residenza tal-applikant ma tistax tiġi estiża għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, liema raġunijiet ma jistgħux jiġu żvelati. L-appellat kompla jgħid li l-Ispettur Gerada ma setax ikun aktar dirett u speċifiku dwar ir-raġunijiet għalfejn il-permanenza tal-appellant f'Malta tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà pubblika, għaliex tali informazzjoni taf tkun kunfidenzjali u tista' tesponi lil terzi għall-periklu. L-appellat qal li l-Bord ma kellu l-ebda prova kuntrarja għall-informazzjoni mogħtija mill-Ispettur Gerada, u kien l-appellant li naqas milli jippreżenta kopja riċenti tal-kondotta tiegħu fil-proċeduri quddiem il-Bord, sabiex jipprova jxejjen l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu mill-Ispettur Gerada. L-appellat qal li kien l-appellant li kellu obbligu li jagħmel il-każ tiegħu quddiem il-Bord u ma kienx kompitu tal-Bord li jagħmel il-każ tiegħu għall-appellant. L-appellat qal li l-appellant donnu li qiegħed jipponta subgħajh lejn il-Bord għan-nuqqasijiet tiegħu li jippreżenta provi tanġibbli illi l-permanenza tiegħu ġewwa Malta ma tikkostitwixxix xi forma ta' theddida għas-sigurtà pubblika. L-appellat żied jgħid li huwa fatt mhux kontestat li huwa dover fundamentali tal-Pulizija li jipprevjenu milli jsiru reati kriminali, u li jaġixxu fl-interess tas-sigurtà tal-pubbliku, speċjalment meta wieħed iqis li dawn ikollhom aċċess għal informazzjoni sensittiva li ma tistax tiġi żvelata. Qal li dan huwa parti mis-sistema ta' *proactive policing* fejn il-Pulizija tagħti importanza lill-

informazzjoni u lill-intelliġenza miġbura u tieħu l-azzjoni neċessarja sabiex tipprevjeni milli jsiru reati.

L-appellat qal ukoll li l-appellant huwa *third country national,* u dan m'għandux dritt ta' residenza li jemani minn xi liġi, bir-riżultat li l-appellant ma jistax għalhekk jilmenta minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għall-ħajja familjari. Żied jgħid li dan il-forum mhuwiex qorti kostituzzjonali, u għalhekk lanjanzi bħal dawn m'għandhomx jinġiebu quddiem din il-Qorti. L-appellat qal ukoll li l-appellant kellu kull opportunità jressaq provi dokumentarji quddiem il-Bord, u tali provi ma jistgħux jinġiebu issa f'dan l-istadju quddiem din il-Qorti. Minkejja dan, l-appellat għamel riferiment għad-dokumenti sottomessi mill-appellant, u qal li d-dokumenti li juru li mart l-appellant għandha negozju tal-bejgħ tal-vetturi ġewwa Malta, jew li din għandha permess ta' residenza sa Frar 2019, jew li l-appellant u martu għandhom żewġt itfal minuri, m'għandhom l-ebda rilevanza għall-konsiderazzjonijiet li kellu jagħmel il-Bord. Qal ukoll li sabiex jiġi osservat id-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq, m'hemmx għalfejn tiġi ffissata seduta u li jsiru sottomissjonijiet orali, għaliex f'dan il-każ iż-żewġ partijiet ngħataw l-istess opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom u li jagħmlu l-każ tagħhom bil-mod skritt. L-appellat qal li dak li hu meħtieġ sabiex il-jedd għal smigħ xieraq ma jiġix mittiefes, huwa li ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità li jagħmlu l-każ tagħhom.

Finalment l-appellat eċċepixxa li din il-Qorti, minkejja li tista' tissindika d-deċiżjoni mogħtija mill-appellat u mill-Bord tal-Appelli, ma tistax tkun hi li

tordna li jinħareġ xi permess li jkun ġie miċħud mill-Bord, u dan għaliex il-kompetenza ta' din il-Qorti hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet, u mhux li tarroga fuqha l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkunsidra l-aggravji tal- appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju: Il-Bord naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu*

8. L-appellant iħoss ruħu aggravat għaliex meta l-Bord ċaħad l-appell tiegħu mid-deċiżjoni ta' Identity Malta, intqal li dan kien qiegħed isir minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika li ma jistgħux jiġu żvelati lilu, sabiex ix-xogħol tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija jiġi mħares. Il-Bord iċċita l-interess suprem li jitħarsu l-interessi tas-sigurtà tal-Istat bħala r-raġuni ewlenija li minħabba fiha ma elaborax aktar dwar ir-raġunijiet għalfejn l-appell tal-appellant ġie rifjutat.
L-appellat laqa' għal dan l-aggravju billi qal li r-raġuni mogħtija mill-Bord kellha tkun motiv suffiċjenti għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant, u l-Bord ma kellux japprofondixxi dwar ir-raġunijiet għalfejn il-permess relattiv kien qiegħed jiġi rifjutat, sabiex la jiġi preġudikat ix-xogħol tal-Pulizija u lanqas ma tiġi preġudikata s-sigurtà tal-Istat. L-appellat qal ukoll li kien jinkombi fuq l-

appellant li jressaq provi dwar il-kondotta tiegħu, xi ħaġa li l-appellant naqas milli jagħmel.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f'dan il-każ l-appellant appella quddiem il-Bord bit-tama li jingħata rimedju, wara li l-applikazzjoni tiegħu għal estensjoni tal-permess ta' residenza kienet ġiet miċħuda minn Identity Malta. Jirriżulta li l-proċeduri quddiem il-Bord inżammu bl-aktar mod sommarju, bil-partijiet jingħataw żmien ta' ħmistax-il ġurnata minn meta jdaħħlu l-appell jew ir-risposta tal-appell sabiex jippreżentaw provi dokumentarji li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom, u bil-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-inkartament li kellu quddiemu, mingħajr ma żamm seduti sabiex jisma' x'kellhom xi jgħidu l-partijiet. Jirriżulta wkoll li l-Bord għamel tiegħu d-deċiżjoni mogħtija minn Identity Malta u r-rakkomandazzjoni tal-Ispettur Gerada li jekk tiġi milqugħha l-applikazzjoni tal-appellant, din tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà tal-Istat Malti, mingħajr ma talab kjarifika, approfondiment jew provi oħra dwar din l-allegazzjoni. L-appellat wieġeb li kien jinkombi fuq l-appellant l-oneru li jġib kopja tal-kondotta tiegħu jew tal-fedina penali tiegħu f'każ li ried jissodisfa lill-Bord li dak allegat dwaru m'għandux mis-sewwa. Imma l-Qorti tqis li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellant huma ferm nebolużi, u ma tistax tifhem kif il-Bord aċċetta s-sottomissjoni tal-appellat illi jekk jiġi milqugħ l-appell tal-appellant, jista' jkun hemm theddida għas-sigurtà tal-Istat Malti, meta minn imkien ma jirriżulta x'inhuma l-akkużi miġjuba, jekk qatt inġabu xi akkużi fil-konfront tal-appellant. Jirriżulta wkoll li l-Bord straħ fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Ispettur Hubert Gerada li permezz ta' *email* skjetta informa lill-

Bord li r-raġunijiet għalfejn saret ir-rakkomandazzjoni lil Identity Malta sabiex l-applikazzjoni tal-appellant ma tintlaqax, ma jistgħux jiġu żvelati. Il-Bord kompla jestrapola minn din l-*email* billi qal li ladarba t-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija għamlet rakkomandazzjoni kontra li tingħata estensjoni tal-permess ta' residenza tal-appellant, sinjal li hemm raġunijiet validi għalfejn l-appell tal-appellant m'għandux jintlaqa'. Il-Bord qal ukoll li mhux kompitu tiegħu li jagħmel domandi jew jitlob aktar informazzjoni mingħand il-Pulizija, u qal li dawn m'għandhomx intenzjoni li jiżvijaw lill-Bord jew li jagħtu informazzjoni żbaljata. Madanakollu din il-Qorti tqis li dawn huma biss estrapolazzjonijiet u mhux fatti li suppost kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-Bord sabiex jiddeċiedi dwarhom. Il-Qorti tqis li allegazzjoni li l-preżenza ta' persuna f'pajjiżna tista' tammonta għal theddida għas-sigurtà tal-Istat, m'għandhiex tittieħed b'leġġerezza, għaliex abbażi tagħha ttieħdet deċiżjoni li tista' taffettwa serjament l-libertà tal-moviment tal-appellant, il-pjanijiet futuri tiegħu u l-għajxien mhux biss tiegħu, iżda tad-dipendenti tiegħu, bħalma huma l-membri tal-familja tiegħu u l-impjegati li jista' għandu. Huwa għalhekk li l-Bord ma kellux jistrieħ biss fuq informazzjoni rċevuta permezz ta' *email,* iżda kellu jisma' aktar provi dwar x'inhuma dawn l-allegazzjonijiet tant serji fil-konfront tal-appellant li jimmeritaw li l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda. Il-Bord seta' jirregola l-mod kif jisma' dawn il-provi u kif jagħmel il-verifiki dwar dak li ġie allegat mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija, anki mingħajr ma jippreġudika x-xogħol tal-Pulizija, iżda żgur li deċiżjoni meħuda abbażi ta' allegazzjoni li baqgħet mhux sostanzjata, ma tistax waħedha titqies bħala suffiċjenti biex tifforma l-bażi għad-deċiżjoni tal-Bord. Il-Qorti tirrileva li ma teżisti l-ebda dispożizzjoni fil-liġi tagħna

li tgħid li fejn tkun saret dikjarazzjoni mill-Pulizija li hemm theddida għas-sigurtà pubblika, il-persuna inkwistjoni ma jkollux dritt jadixxi lill-Bord u li l-Bord huwa marbut li jirrifjuta l-appell tiegħu. Huwa proprju dan li qiegħed donnu jimplika l-appellat fis-sottomissjonijiet tiegħu, li l-proċeduri quddiem il-Bord kważi kważi jsiru għall-formalità, ġaladarba tkun saret dikjarazzjoni mill-Pulizija li tinvoka l-ħarsien tas-sigurtà pubblika. Min jallega jrid jipprova u ċertament li mhuwiex biżżejjed li jiġi dikjarat mill-Pulizija li teżisti theddida għas-sigurtà pubblika, sabiex ikun ippruvat li tabilħaqq teżisti dik it-theddida. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-Bord fejn qal li setgħet issir il-prova kuntrarja mill-appellant, biex jipprova li ma teżisti ebda theddida għas-sigurtà pubblika, billi dan sempliċement jippreżenta l-kondotta jew il-fedina penali tiegħu.

Il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun meta jgħid li d-deċiżjoni tal-Bord mhix motivata, għaliex mill-mod kif irrediġa d-deċiżjoni tiegħu l-Bord, jirriżulta li lanqas huwa stess ma jaf x'inhuma r-raġunijiet għalfejn ġie rakkommandat li l-applikazzjoni tal-appellant għandha tiġi miċħuda. Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li dan l-ewwel aggravju huwa ġustifikat u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *Il-Bord qatt ma seta' jiddeċiedi tliet appelli separati, ta' tliet persuni differenti, b'deċiżjoni waħda*

L-appellant spjega li l-Bord kellu quddiemu tliet rikorsi tal-appell, dak tal-appellant, kif ukoll iż-żewġ appelli ta' wliedu minuri, iżda għal xi raġuni l-Bord ta deċiżjoni waħda fil-konfront tat-tlieta li huma. L-appellat wieġeb għal dan billi qal li minkejja li ngħatat deċiżjoni waħda fil-konfront tat-tliet appellanti, xorta

waħda ma jistax jintqal li xi ħadd mill-appellanti safa ppreġudikat, jew safa mċaħħad milli jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu. L-appellat qal ukoll li l-fatt waħdu li l-Bord iddeċieda t-tliet appelli permezz ta' deċiżjoni waħda, ma jmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 790 tal-Kap. 12, u r-raġuni għalfejn il-Bord ipproċeda b'dan il-mod kienet għal finijiet ta' 'speditezza'.

Imma l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-pożizzjoni li ħa l-appellat, u tirrileva li fi kwistjonijiet daqstant delikati, li jaffettwaw il-ħajja ta' persuna fit-totalità tagħha, għaliex dawn huma deċiżjonijiet li abbażi tagħhom persuna jaf ikollha titlaq mill-pajjiż u tara fejn ser tibda ħajjitha mill-ġdid, il-prinċipju ewlieni li għandu jirregola tali proċeduri ċertament li m'għandux ikun l-ispeditezza, iżda l-ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-jeddijiet fundamentali tal-persuni li jersqu quddiem il-Bord bit-tama li jingħataw rimedju ekwu u ġust. Imma f'dan il-każ id-deċiżjoni tal-Bord tindirizza biss is-sitwazzjoni tal-missier, tinjora għalkollox is-sitwazzjoni tal-ulied minuri, u finalment tispiċċa billi tgħid li l-ulied minuri għandhom jibqgħu mal-missier għal raġunijiet ta' integrità familjari, filwaqt li tinjora għalkollox li f'din il-familja hemm ukoll omm li għandha n-negozju tagħha, li ġiet indikata bħala l-*isponsor* tal-ulied minuri tal-koppja, u li hija wkoll għandha dritt għall-ħarsien tan-nukleju familjari tagħha. Biex issir ġustizzja ma' kull wieħed mill-appellanti li jiffurmaw parti minn din il-familja, il-Bord kellu jassigura li jqis iċ-ċirkostanzi ta' kull wieħed mill-appellanti, u mhux jagħti deċiżjoni fil-konfront tal-missier u sussegwentement jiddeċiedi li ladarba l-ulied huma parti mill-istess familja, u ladarba l-appell tal-missier ġie miċħud, mela allura l-appelli tal-ulied minuri għandhom jiġu miċħuda wkoll. Id-deċiżjoni

tal-Bord fil-fatt hija bbażata fuq dak li ġie allegat mit-Taqsima tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni fir-rigward tal-appellant, iżda mkien ma jsiru allegazzjonijiet simili fil-konfront tal-ulied minuri tal-appellant.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dan it-tieni aggravju huwa ukoll ġustifikat u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *Il-Bord injora diversi aspetti fattwali tal-applikazzjoni tal-appellant*

L-appellant jgħid li l-Bord naqas milli jindirizza diversi aspetti fattwali tal-applikazzjoni tiegħu, fosthom il-fatt li huwa miżżewwweġ u jgħix bil-familja hawn Malta, il-fatt li meta ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu, il-mara tiegħu kellha permess ta' residenza validu, il-fatt li kemm l-appellant kif ukoll il-mara tiegħu jiġġestixxu negozji hawn Malta, il-fatt li bħala koppja l-appellant u martu għandhom żewġt itfal li jattendu l-iskejjel hawn Malta, u l-fatt li huma jħallsu t-taxxi u akkwistaw proprjetà f'Malta. L-appellant qal li d-deċiżjoni tal-Bord ser twassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-ħajja ta' familja.

Jirriżulta ċar minn qari tad-deċiżjoni appellata, li dawn il-fatti kollha l-Bord injorahom fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, u l-Bord straħ biss fuq l-informazzjoni mgħoddija lilu mill-Ispettur Gerada, li l-Bord għamel tiegħu mingħajr ma kkonsidra l-fatt li l-appellant bena ħajtu hawn Malta, jiġġestixxi negozju, possibilment iħaddem in-nies, iħallas it-taxxi u għandu familja b'żewġt itfal

minuri li qegħdin jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel hawn Malta. Huwa ċar għalhekk li l-Bord wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-appellant mingħajr ma kkonsidra l-fatti kollha partikolari tal-każ tiegħu. Il-Qorti tqis li dan it-tielet aggravju huwa mistħoqq u tilqgħu. filwaqt li għal darb'oħra tirrileva li d-deċiżjonijiet tal-Bord mhumiex deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu bil-leġġerezza manifesta li ttieħdet id-deċiżjoni appellata, għaliex tali deċiżjonijiet jolqtu l-aktar jeddijiet fundamentali li għandu individwu, bħalma huwa l-jedd għat-tgawdija tal-ħajja tal-familja tiegħu.

*Ir-raba' aggravju:* *Il-Bord m'għamel l-ebda seduta sabiex ikun jista' jisma' l-pożizzjoni tal-partijiet*

Il-Qorti hija tal-fehma li minkejja dak li ssottometta l-appellat, li kull wieħed mill-partijiet f'dawn il-proċeduri kellu d-dritt li jgħid tiegħu u jagħmel is-sottomissjonijiet bil-miktub, il-fatt li f'każijiet ta' dix-xorta l-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma jkun hemm smigħ, ċertament hija anomalija. Huwa minnu li l-artikolu 25A(1)(ċ) tal-217 jistipula illi:

> "Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni jisma' u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra."

Din id-dispożizzjoni ma tesiġix li f'kull każ il-Bord għandu jżomm seduta għall-ġbir tal-provi. Barra minn hekk l-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) jipprovdi li tribunal amministrattiv, li jinkludi l-Bord skont l-Ewwel Skeda,

għandu jagħti lil kull parti l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha "bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn", liema dispożizzjoni tagħti diskrezzjoni lill-Bord dwar il-mod kif għandhom jitmexxew il-proċedimenti quddiemu. Minkejja dan, din il-Qorti tqis li ż-żamma ta' seduta biex almenu l-Bord jevalwa l-komportament u l-kredibbilità tax-xhieda, tkun miżura li ssaħħaħ idejn il-Bord meta jiġi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. F'dan il-każ in-nuqqas ta' smigħ jirriżulta li ċaħħad lill-appellant mill-opportunità li jintalab dokumentazzjoni addizzjonali, pereżempju ċ-ċertifikat tal-kondotta jew il-fedina penali tiegħu. Il-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu abbażi tad-dokumentazzjoni li kellu quddiemu, u mingħajr ma qies x'kellu xi jgħid l-appellant fir-rigward tal-allegazzjonijiet li saru mill-Ispettur Gerada. Il-Qorti tifhem li l-Bord għandu quddiemu kwantità kbira ta' każijiet li jridu jiġu deċiżi. Imma għal darb'oħra tisħaq dwar l-importanza li jitħarsu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, kif ukoll li l-jeddijiet fundamentali tal-individwi jiġu mħarsa f'kull waqt, minħabba l-impatt li d-deċiżjonijiet li jieħu l-Bord iħallu fuq l-individwi li jersqu bil-lanjanzi tagħhom quddiemu. Dan qiegħed jingħad partikolarment għaliex f'dan il-każ jirriżulta li l-Bord kellu quddiemu dokumenti li l-appellant ma kienx mgħarraf bihom u li għalhekk ma setax iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu dwarhom.

Hu għalhekk, li din il-Qorti, filwaqt li ser tilqa' l-appell tal-appellant, ser tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant wara li jkun ingħata qies tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravji kollha tal-appellant, u filwaqt li tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant wara li jkun ingħata qies tal-konsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**